# Tisfija

Sergio Grech

1.

Misteru kbir kien qed ixekkilha u jħawwadha. Dawn l-aħħar ġimgħat fil-*mailbox* tagħha kienu qed jidħlu ittri elettroniċi strambi. Bosta drabi, kellhom biss sentenza waħda. Kollha kellhom linja stramba ta' ħsieb għalkemm ir-referenzi u l-intenzjonijiet kienu ċari.

Il-logħba bdiet b'kostruzzjoni ambigwa li ma kinitx ċerta għalkollox xi tfisser:

*Nixtieq imqar inbill il-ponta ta' lsieni mal-ħaġar tiegħek.*

Għall-bidu, biex l-istorja tingħad kollha, ma tatx kas dawn l-*emails*. Injorathom. Ikkonkludiet li dawk bdew jaslu għandha bi żball. Immaġinat li l-awtur tagħhom kien jew namrat li qed jikteb lill-maħbuba tiegħu jew xi ħadd qed jipprova jisseduċi lil xi tfajla li kienet qed issaħħru.

Xi minn daqqiet kienet tirraġuna li dan żgur xi miġnun. Xi paranojku. Jew xi wieħed b'rota nieqsa. Għax l-istil tar-raġunament tiegħu ma kienx normali. Is-soltu l-irġiel tafhom iktar diretti u ma joqogħdux iduru mal-kantunieri.

Imma maż-żmien, anki jekk damet ma tammetti, il-logħba bdiet togħġobha. Intebħet li min bagħat l-*email*, hi kienet togħġbu u b'xi mod xtaqha iktar minn ħabiba. Il-kumplimenti tiegħu bdew jinżlu għasel.

*Nixtieq saqajk jimxu fuqi.*

Il-versi tiegħu kienu donnhom poeżiji. Tifla ma kinitx u għalkemm il-poeżija

qatt ma daħlet f'dinjitha għax għaliha l-poeti kienu qatta mdejqin u indannati, fehmet li l-awtur ta' dawk il-versi ried jilgħab man-nar. Ried lilha. Ried lilha bl-art u l-baħar. U kien lest li jagħmel minn kollox biex jaħtafha għalih biss.

Hu ma staħax. Il-karti kien kixifhom kollha anki jekk ħeba jdejh. Kien taha l-ħjiel ċari li t-temperaturi tiegħu kienu jogħlew meta kien ixommha. X'riedet iktar bħala prova? L-*emails* tiegħu kien jiffirmahom Ammiratur (aktarx juża t-tipa Verdana 16). Min hu kien jaf x'inhu jagħmel għax qagħad attent li l-indirizz tiegħu ma jikxifx l-identità tiegħu. L-ittri kienu qed jaslu minn ammiratur@gmail.com.

*Nixtieq inbus l-imsiemer ta' sidrek u ningiref magħhom sakemm inwerżaq bl-uġigħ.*

Għamlet żmien, il-ħin kollu dieħla u ħierġa fl-*account* tal-Gmail biex tara ħalliex xi messaġġ ġdid. Kienet tgħaddi jiem sħaħ timmaġina min hu. Meta żewġha kien ipoġġi lsienu ma' widnejha u jkellimha ardit u pastaż, kienet timmaġina lilu. Lil dak tal-*emails* sigrieti.

Mhux darba jew tnejn kienet tikkunsidra l-ipotesi jekk fl-aħħar mill-aħħar kienx żewġha nnifsu li qed jilgħab dak it-tango. Imma ma damitx ma eliminat dik il-possibilità għalkollox. Żewġha żgur li ma kienx. Dak kien dirett u goff. Xi drabi żżejjed. Kliemu bosta drabi kien bla grazzja u mingħajr wisq tidwir u poeżija. Żewġha ma kienx iħobb jagħtiha sorpriżi. U fuq kollox il-kompjuter u hu mhux li kienu ħbieb. U toqgħod taħseb mhux darba u tnejn li *emails* ġew meta hu kien jinzerta d-dar.

*Nixtieq inbus l-irkiekel ta' dahrek.*

Irraġunat li l-idea ta' ammiratur sigriet mhux daqstant idea ħażina. Sa ċertu punt mhux kull mara kienet tixtieqha u toħlomha? Facebook kien mimli *friends* li ma tafhomx imma li kienet tiġbidhom lejha bħal kalamita. Ma kinitx ta' subgħajha f'ħalqha. Kienet taf li kellha xi tbigħ.

2.

Kien sar jafha mill-Facebook. Ritratt tagħha kien tela' bla ma talab għalih fit-taqsima *People you may know*. Kif ra r-ritratt waqaf zoptu. Issaħħar. Ġennitu. Intilef warajha u xtaqha kif lagħbi jkun xewqan li jirbaħ. F'għajnejha qara l-innoċenza li dejjem xtaq fuq mara u li qatt ma kien sab qabel.

Amber Muscat... Bla ma ħasibha darbtejn, għamel *friend request*. Żiditu fil-lista ta' ħbieb fi ftit minuti biss. Rahom snin dawk il-minuti. Kien beża' li tirrifjutah

jew tinjorah. Kien l-ewwel pass, l-ewwel rebħa. Għaliha min jaf kemm-il wieħed kienet żiedet dakinhar u l-inqas ħsieb li riedha.

Fela ritratt ritratt li kienet tefgħet... ir-ritratti ta' qamar il-għasel fl-Alaska, il-*hen's party* (indubjament l-isbaħ waħda, ħaseb), il-*weekend* Praga (kif sebbħitu Charles' Bridge), il-*parties* li kienet tħobb tmur, il-*ladies nights,* ir-ritratti meta qagħdet *maid of honour* fit-tieġ ta' Sue Allen, ... u għadd ta' ritratti oħra.

Mill-Facebook, sar jaf li politikament kienet tqis ruħha moderata. Għalkemm ma ddikjaratx hix mal-blu jew mal-ħomor. Jew hix mal-ħodor. Il-kwotazzjoni favorita tagħha kienet *Dream as if you'll live for eternity, but live as if it is the last day*. Il-U2, Anna Tatangelo u Celine Dion kienu l-kantanti favoriti tagħha. Ammetta li fejn jidħlu l-aħħar tnejn kien jaf ftit li xejn għax gostih kienu differenti u mill-YouTube kien itella' kanzunetta tagħhom wara oħra biex jifhem l-għażliet tagħha. Kien jimmaġinaha tkanta magħhom, tifraħ u taqbeż.

Fost il-films favoriti tagħha, fl-Info tagħha tal-Facebook, niżżlet *The Green Mile*, *Chocolat* u *Life is Beautiful*. Fost paġni fil-Facebook, kellha għal qalbha Bono Rocks my World, I was born between 1980 and 1989 u Marion Mizzi Well Being.

Mill-*Profile* tagħha sar jafha mill-viċin ... il-vizzjijiet tagħha, il-marka tal-*make-up*, it-temp ideali għaliha, is-*supermarkets* minn fejn kienet tixtri l-ħtiġijiet, ir-ristoranti ħames stilel għal qalbha, il-ħwejjeġ li kienet tħobb tilbes (ta' taħt u ta' fuq), ix-xirjiet minn The Point, il-*handbags*, l-aħħar akkwisti mill-ebay, il-fwieħa għal qalbha ...

Xejn ma dejqu fiha ħlief ... li kien jeżisti hu. Ma kienx jiddejjaq kieku sabet wieħed sura ta' nies. Kien ħaqqha wieħed sura, ħaseb. Wiċċ deformat. L-intamat klassiku. Ma setax jifhem x'ratlu u x'għoġobha fih. In-nuċċali kien jonqsu biex jidher eżatt. Kienet togħġbu Kristina Casolani. Mur ġibu! Balalu bħal dan trid ħaseb din ir-*rockstar*.

Sa sar *friend* miegħu wkoll biex jara min hu, il-gosti tiegħu, x'ħobż jiekol, x'xogħol kellu ... Kien sab għadu ġdid f'min jiffissa. Hu ma ntebaħx li kien qed iqis passih u ta' martu.

Fela ritratt ritratt fejn jidher hu magħha biex jara kinitx ferħana miegħu. Ikkonkluda li le. Ħass fuqu r-responsabilità li jeħlisha minnu. Ried jiftħilha l-gaġġa. F'għajnejha qara d-diqa ta' min mhux apprezzat. Ġmielha miegħu kien moħli.

Il-paġna tagħha kien isegwiha l-ħin kollu. Jekk mhux iħobbha, bla ma ried, kien inġibed lejha mill-*posts* tagħha. Kien jgħir meta xi ħadd mil-leġjun ta' *friends* kien jieħu xi ftit tal-kunfidenza magħha u jitfa' kumment ħarira mqareb. Imqar jgħaddilha kumpliment u jiċċelebra ġmielha. Xi drabi kien jissieħeb mal-komunità tagħha f'xi kumment u jikkummenta fin fin attent imma li ma jużax l-istess linwaġġ tal-*emails* biex hi ma xxommux. Xi drabi kien jigdem ilsienu u joqgħod kwiet.

Kienet tagħtih rasu meta kien jidħol Facebook u Amber ma tkunx hemm. Kien jimmaġinaha f'dirgħajn dak il-mejjet-ħaj u nofs gost dak il-ħin li ma ssebbaħx Facebook. Sa kien niżżel ritratt tiegħu u fil-mumenti meta ma kienx jara iżjed kien jitfagħlu d-*darts* u jimmaġinah b'reazzjoni jobżoq l-uġigħ u d-demm u hu b'xufftejh jidħku. Kien niżżel ukoll ir-ritratt tagħha u għamlu *screen saver* biex ġmielha jiffriżah għal dejjem.

Kien jilgħab iċ-ċess magħha fuq Facebook, jappoġġja l-*causes* tagħha uħud minnhom banali għalih (bħal meta talbitu *Support the return to Malta of La Vallette's Sword & Dagger*), jisma' l-mużika li kienet tisma' hi u titfa' mill-ħin għall-ieħor, jiċċekkja min qed jittegjaha, jifli min minn sħabha se jagħlaq sninu u jistenna jasal tiegħu biex tawguralu u forsi tpoġġilu bewsa. Kien joħlom kuljum li fl-i*status* jaqra '*Amber Muscat is single*.'

Sakemm darba resaq viċin lejha. Bla ma għarfitu. Kellha 2148 *friends* fil-Facebook. Kif setgħet tagħrfu hi? *Ladies night*, il-Gringos, Paceville. Kienu mal-bar jixorbu l-vodka orange u jidħku daħk spjetat u jikkummentaw dwar żewġ baħrin Amerikani m'ogħla hawn. Kien biss ftit passi 'l bogħod minnha. Kieku jtawwalha jdejh aktarx kien imissha.

Xtaq itir fuqha. Jinfexx, kif jinfexx meta kien iwikki xi ċitazzjoni lil xi karozza li ma tirrispettax il-linji tal-ipparkjar. Kien iħossu alla f'dik l-uniformi ta' *warden*.

Dik il-lejla, l-intamat ma kienx hemm. Imnieħru mtela bil-fwieħa tagħha. Għajnejh flewha minn fuq s'isfel. Ir-ritratt fil-*Profile* ta' Facebook lanqas kien jibda, ħaseb, ma' dik il-kolonna ġmiel ta' quddiemu. Il-kelma 'sabiħa' kienet degradanti wisq, ħaseb, meta tiġi biex tispjega dak il-ġmiel kollu.

Il-flokk, jew it-*top* kif kienet tħobb tgħid ommu, kien qed jesponi nofs sidirha. In-nofs l-ieħor kien qed jissara biex ma joħroġx. Ġismu xtaqha. Waqtiet minnhom beda jara lilu u lilha biss. Hu fuqha u hi kompliċi miegħu jwerżqu kuntenti.

3.

Tlettax-il jum wara dik il-lejla, il-*portal* tal-aħbarijiet www.maltatoday.com.mt informa lill-qarrejja li viċin ir-*roundabout* li minn San Ġwann tagħti għan-Naxxar, kmieni filgħodu għall-ħabta tas-sitta, instabet mara żagħżugħa tixher f'karozza bi *blouse* imċarrat, riċipettu mormi fit-triq u *tights* trietaq. James Debono rrapporta li mara li kienet qed issuq Hyundai I 20, waqqafha *warden* u talabha titfa' fil-ġenb peress li ma għamlitx l-*indicator* meta ġiet biex iddur mar-*roundabout*.

Skont il-verżjoni li tat il-mara, l-għassies tat-toroq sforza ruħu fiha, diversi drabi, wara li hi ma aċċettatx li tkun kompliċi miegħu f'dak ir-ritwal.

Il-Maġistrat Edwina Grima qed tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha. Il-mara bil-fixla ma żammitx nota tan-numru tiegħu u jew tal-vettura li kien qed juża.